Mellieħa

10 ta' April 2018

# IS-SEBA' KUNSILL

**AĠENDA Numru 94**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa**

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru **94** li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 16 ta' April, 2018 fis-6.00 pm.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet* u hi miftuħa għall-pubbliku.

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**

**AĠENDA**

94.1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

94.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

94.3. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku;

94.4. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

94.5. Mozzjoni dwar l–iżvilupp tal-barrieri fiż-żona Ta' Masrija u Triq Lewis Wettinger;

94.6. Tħejjijiet għall-attivitajiet tal-25 Anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsill;

94.7. PA 1820/18 - Riġenerazzjoni tar-ramla fil-Bajja tal-Għadira;

94.8. PA 2727/18 - Estensjoni tal-Maritim Hotel Antonin & Spa;

94.9. Kuntratt dwar il-Ġbir tal-Iskart Domestiku Mħallat;

94.10. Kuntratt dwar il-Ġbir tal-Iskart Goff;

94.11. *Culvert* għall-ilma tax-xita fi Triq Ġorġ Borg Olivier;

94.12. Sejħa għall-offerti dwar il-titjib fi Ġnien tas-Salib u Ġnien Dun Anton Debono;

94.13. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti; u

94.14. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

C:\Users\Carmel Debono\Documents\Council Agendas\7th Council\Agd7_94.docx

## MOZZJON

94.5. Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier E. Bartolo li tgħid:

"In vista tal-iżvilupp li qiegħed isir fiż-żona Ta' Masrija konfinanti ma' Triq Lewis Wettinger fil-Mellieħa skont il-permess bin-numru PA 04811/15 approvat fit-28 ta' Aprl 2016 u l-permess PC 0046/13 appravat fit-13 ta' Awwissu 2015;

In vista ukoll li f'dan l-iżvilupp qed jirriżulta fit-teħid ta' parti mill-*"bypass",* magħrufa aħjar bħala Triq Lewis Wettinger biex issir *"service road";*

Wara li ġie nnutat dak kollu li nkiteb u ntqal fil-pubbliku b'mod partikolari fuq il-medialokali kif ukoll fil-Parlament Nazzjonali;

Sabiex il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa jassigura li jissalvagwardja bl-aħjar mod possibbli l-interessi tal-Mellieħa u r-residenti Melleħin kif ukoll ta' dawk kollha li jużaw din il-*bypass*;

Sabiex dan il-Kunsill Lokalital-Mellieħa jassigura wkoll li jingħata lura u igawdi dak li hu tiegħu bi dritt;

Dan il-Kunsill Lokali jiddeċiedi li:

i. Fi żmien ġimgħatejn mil-lum issejjaħ laqgħa pubblika għall-komunità Melleħija dwar din il-materja sabiex il-Kunsillikun qiegħed jisma' l-veduti tan-nies tal-lokalità;

ii. Għal din l-istess laqgħa, il-Kunsill għandu jara li jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu, il-pjanti kollha, kemm dawn approvati kif ukoll dawk proposti, flimkien mal-informazzjoni relatata ma' dan il-proġett u l-bini tal-imsemmija *"service road"*. Jekkk dawn il-pjanti u l-informazzjoni ma jkunux disponibbli, il-laqgħa tinżamm xorta waħda;

iii. Jitlob kopja tar-rapport finali tal-*"Traffic Impact Statement";*

iv. Jitlob kopja tar-rapport finali tal-*"Project Development Statement";*

v. Jitlob kopja tar-rapport finali tas-*"Social Impact Assessment"* li sar fuq dan il-proġett li jinkludi aktar minn 150 appartament u madwar 170 *"basement garages";*

vi. Jitlob kopja tar-rapport finali tal-"Environment Impact Assessment" li sar b'rabta mal-istess żvilupp;

vii. Jitlob ukoll il-pjan tal-Awtorità tat-Trasport u/jew tal-Awtorità tal-Iżvilupp, dwar l-immaniġġjar tat-traffiku fiż-żona effettwata wara li jiġi konkluż l-iżvilupp;

viii. L-istess awtoritajiet għandhom jagħtu l-assikurazzjonijiet tagħhom li l-karreġġjati kif proposti li jiġu riveduti, mhux ser ikunu ta' periklu għal min juża din it-triq; u

ix. Jitlob il-konferma tal-ammont iffissat bħala "planning gain" u jikseb assikurazzjoni li dan l-ammont jiġi nvestit fl-aħjar interess tal-komunità tal-Mellieħa u mhux ser jintuża biex isiru xi xogħlijiet relatati ma' dan l-iżvilupp.".

Emvin Bartolo
**Proponent**

Hilary Fenech
**Sekondant**